# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 30**

**Rikors numru 40/21/1 MH**

**Ganni Attard**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija**

1. Permezz ta' rikors preżentat fid-9 ta' Mejju 2025 l-attur talab għar-rikuża tal-Imħallfin li qegħdin jippresjedu din il-Qorti fl-appell li ppreżenta fit-28 ta' Diċembru 2023, wara s-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fil-15 ta' Diċembru 2023.

2. Il-konvenuti wieġbu fl-24 ta' Mejju, 2024 u oġġezzjonaw għat-talba għaliex din il-Qorti kif presjeduta ma kinitx involuta fis-sentenzi li l-attur qiegħed jimpunja f'din il-kawża.

3. L-attur qal li għamel it-talba minħabba li, *“.... il-każ tal-merħla tan-nagħaġ u proċeduri oħra konnessi mal-istess meritu li fih huwa involut l-istess appellant Ganni Attard”*.

4. Fil-kawża kostituzzjonali l-attur jilmenta dwar il-proċeduri kriminali **l-Pulizija v. Ganni Attard**, deċiżi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fis-6 ta’ Lulju, 2017 u mbagħad b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta’ Jannar 2018. Hu jsostni li kien instab ħati ta’ ksur tar-Regolamenti fil-Liġi Sussidjarja 437.78 (Avviż Legali 346 tal-2015):

i. Meta dik il-liġi sussidjarja ma kinitx dwar nagħaġ, li kellu l-attur, iżda dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta’ majjali;

ii. Meta fit-8 ta’ April, 2014 ħarġet l-akkuża, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.78 ma kinitx fis-seħħ. L-Avviż Legali 346 tal-2015 daħal fis-seħħ fit-23 ta’ Ottubru, 2015;

5. Għalhekk l-attur qiegħed isostni li qatt ma seta’ jinstab ħati tal-imputazzjoni u talab lill-Qorti sabiex tħassar l-imsemmija sentenzi għaliex jiksru d-drittijiet fundamentali tal-attur protetti bl-Art. 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni.

6. L-Imħallfin li qegħdin jippresjedu din il-Qorti fl-appell li ppreżenta l-attur, qatt ma kienu membri ta' qorti li għamlet stħarriġ u tat deċiżjoni dwar dak li ġara fil-proċeduri kriminali li l-attur qiegħed jattakka b'din il-kawża. Il-fatt li xi ħadd minnhom seta' kien membru tal-Qorti tal-Appell li ddeċidiet appell li fih l-attur kien parti u fejn sar stħarriġ ta' għemil amministrattiv relatat ma' nagħaġ li kien irabbi l-attur, ma tiġġustifikax li tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża. Il-kwistjoni tal-lum hi biss dwar il-proċeduri kriminali li l-Pulizija fetħet kontra l-attur, b'mod partikolari s-sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-eċċezzjoni tar-rikuża, bl-ispejjeż kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm